25 ta' Settembru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Gaetano Giorgianni et.

**Frustieri — Impjeg — Kummerċ — Navigazzjoni — Art. 29 tal-Kap. 45.**

*Ebda frustier ma jista', mingħajr liċenza tal-Gvernatur, jeżerċita professjoni, jew ikollu karika, jew jiġi mpjegat minn persuna oħra. Il-kelma "impjeg", użata f'din il-liġi, rettament intiża, tippresupponi impjeg ta' ċerta durata u stabilità, u ma għandhiex tiġi estiża għal att sporadiku u iżolat, speċjalment meta jkun kompenetrat f'funzjonijiet oħra ta' dak l-impjegat li ma humiex kolpiti mill-*

*projbizzjonijiet tal-liġi. Barra minn dan, impjegat għandu jitqies min jiħdem b'kumpens ta' flus jew ta' xi ħaġ'oħra in natura.*

*Il-liġi però takkorda eżenzjoni mill-projbizzjoni meta d-dmirijiet ta' l-impjeg jew l-attijiet eżerċitati dwaru jkunu jirriferixxu direttament għall-kummerċ jew għan-navigazzjoni.*

*Il-kelma "navigazzjoni" ma għandhiex tiftiehem biss għal bastimenti fuq il-baħar, imma tikkomprendi anki l-bastiment li jkun "at anchor". Fil-każ preżenti l-kwistjoni kienet dwar attijiet li kienu jgħinu fil-karikazzjoni ta' merkanzija fuq bastiment li kien ormeġġjat biex jitgħabba.*

Dan huwa appell magħmul mill-imputati minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-23 ta' Settembru 1948, li biha ż-żewġ imputati ġew misjuba ħatjin talli f'Malta, Jetties Wharf, il-Marsa, bħala strangieri u membri ta' l-iskuna taljana M/V Francesco E., fis-6 ta' Settembru 1948, bejn il-10 a.m. u 12.30 p.m., għamluha ta' reffiegħa tal-port mingħajr permess tal-Gvernatur, bi ksur taddispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Frustieri, Kap. 45;

L-imputati talbu li jiġu assolti;

*Dina l-Qorti, wara li semgħet............, ikkunsidrat;*

Illi mill-provi deher illi fuq il-bastiment "Francesco E.", fil-ġurnata in kwistjoni, kienu qegħdin jiġu karikati biċċiet tallanda ("scrap iron") mibjugħa mid-ditta "La Rosa" lil ċertu Ursini, li kien innoleġġja l-bastiment għal dan l-iskop. Il-Prosekuzzjoni tippretendi illi ż-żewġ imputati kkollaboraw bħala reffiegħa ma' Maltin f'dan ix-xogħol ta' karikazzjoni;

L-artikolu tal-liġi li taħtu saret l-imputazzjoni jgħid illi ebda frustier ma jista', mingħajr liċenza tal-Gvernatur, jeżerċita professjoni, jew ikollu kariga, jew jiġi impjegat minn persuna oħra. Il-liġi in kwistjoni għandha l-iskop illi tirrestrinġi l-attività tal-frustieri f'dawn il-Gżejjer;

Ikkunsidrat, kwantu għall-imputat Giorgianni;

Il-Qorti hi ta' fehma illi l-imputazzjoni ma hijiex sufficjentement sostnuta kontra dan l-imputat, għal dawn ir-raġunijiet li ġejja:—

1. Il-provi aktarx li wrew illi x-xogħol tal-karikazzjoni kien qed isir minn maltin impjegati minn La Rosa, li kellu l-ftehim *jikkunsinna l-merkanzija franka abbord*..............; Irriżulta illi, peress li l-merkanzija kienet tinġieb mid-"dump"

ta' *La Rosa* "*alla rinfusa*", għalhekk il-bejjiegħ ippermetta lill-kumpratur Ursini li jagħmel il-għażla. Dana Ursini talab lil dan l-imputat *Giorgianni* biex jagħmel din il-għażla fil-waqt tal-karikazzjoni. U mill-provi deher li fil-fatti dan Giorgianni beda jneħħi dik il-parti tal-materjal li ma kienetx soddisfaċenti progressivament ma' l-istess karikazzjoni tal-materjal. L-istess imputat qal fix-xhieda tiegħu li ma jeskludix li seta' newwel hu stess xi biċċa mill-materjal lill-personal ta' l-ekwipaġġ. Imma hu ċar li dana l-att sporadiku u iżolat, konness *kif kien max-xogħol tal-għażla li* kien qed jagħmel l-istess Giorgianni, ma jistax raġjonevolment jammonta għal dak l-impjeg li jsemmi l-art. 29 fuq imsemmi, li, rettament intiż, għandu jippresupponi mpjeg ta' ċerta durata u stabilità. Mhux loġiku illi l-ġudikant jestendi l-liġi biex jikkomprendi att sporadiku u iżolat kif kien dan, u di pjù kompenetrat f'funzjonijiet oħra li ma humiex milqutin mill-projbizzjoni, partikolarment meta wieħed jirrifletti li dan l-imputat Giorgianni hu l-makkinista tal-bastiment noleġġjat, u hija ħaġa notorjament magħrufa illi f'dawn l-iskejjen żgħar il-personal ta' abbord huwa limitat (f'dana l-każ, barra Giorgianni, ma kienx hemm ħlief il-kaptan u żewġ baħrin, wieħed minnhom it-tifel tal-kaptan), u għalhekk ma hix ħaġa insolita illi l-makkinista, fuq talba ta' Ursini, ippresta ruħħ bħala favur li jagħmel ix-xogħol tal-għażla. Ċert illi, bħala kwistjoni ta' fatt, il-fattezzi partikulari tal-każ ta' Giorgianni jikkostitwixxu għallanqas "border-line case"—liema konsiderazzjoni għandha tibbenefika l-imputat;

2. Fil-fehma tal-Qorti, tikkonkorri wkoll, bħala kwistjoni ta' liġi biex tagħmel dana l-każ almenu "a border-line case", iċ-ċirkustanza illi minn ebda prova ma jirriżulta illi dana l-imputat Giorgianni kien b'xi mod rikompensat partikolarment għal dan ix-xogħol li kien qed jagħmel. Jidher loġiku illi wieħed jirritjeni illi l-kelma "impjegat" għandha tfisser kif ġeneralment hija definita f'liġijiet partikulari, jiġifieri persuna li taħdem jew b'kumpens ta' flus jew almenu ta' xi ħaġa oħra in natura;

3. Hemm konsiderazzjoni oħra legali li tkompli tinklina lill-Imħallef sedenti favur it-teżi tad-difiża, u ċjoè t-tieni subartikolu ta' l-istess art. 29, illi jakkorda eżenzjoni mill-proj-

bizzjoni meta d-dmirijiet ta' l-impjeg jew l-attijiet eżerċitati dwaru jkunu jirriferixxu direttament għall-kummerċ jew għan-navigazzjoni. Issa, f'dana l-każ, ix-xogħol li kien qed jagħmel l-imputat Giorgianni, kif fuq jirriżulta, jista' talvolta jitqies bħala konness mal-kummerċ jew navigazzjoni;

L-Avukat tal-Kuruna fid-dibattitu osserva li l-kelma "navigation" għandha tiftiehem fis-sens li tirriferixxi għal bastiment fuq il-baħar. Issa hu veru li "stricto jure" "navigation is the science or art of conducting a ship from one place to another"; iżda kien l-Imħallef Ingliż Dr. Lushington illi fil-kawża "The Stettin, 31 L.J. P.M. & A. 208" qal illi l-kelma "navigation" "is a doubtful expression"; u tant hu hekk illi f'ċerti kawżi oħra ġie mogħti lill-kelma "navigation" sinifikat aktar estiż. Hekk, per eżempju, insibu illi fil-kawża "Hayn vs. Culliford", 3 C.P.D. 417, l-Imħallef Denwan qal:— "Cases have decided that the word 'navigation' for some purpose includes a period when the ship is not in motion; as, for instance, when she is at anchor". Lanqas hu ta' min jinsa illi fil-Kodiċi tal-Kummerċ Malti, Kap. 17, it-Tieni Parti hija intestata "Fuq il-Kummerċ Marittimu u Navigazzjoni"; u fost it-titoli kompriżi f'dik it-Tieni Taqsima hemm appuntu t-titolu li jirrigwarda l-kuntratt tan-noleġġ u d-drittijiet tal-kaptan għar-rigward tat-tagħbija. Infatti, mentri minn naħa waħda dak li jissejjaħ "peril of the sea" hu intimament konness man-"navigation", ġie deċiż mill-Qrati Ingliżi illi "peril of the sea" jikkomprendi anki ċerti każijiet ta' ħsara lit-tagħbija; u dan juri illi t-tagħbija, f'ċertu sens, tidħol anki taħt il-kelma ġenerika "navigazzjoni" — almenu f'każijiet illi fihom jikkonkorru ċirkustanzi oħra eċċezzjonali kif hemm f'dan il-każ;

Ikkunsidrat, kwantu għall-imputat Polumbo;

L-addebitu kontra dan l-imputat għandu wkoll jiġi eskluż, peress illi, appart l-punti legali li kienu ugwalment jimmilitaw favur tiegħu, kif fuq enunċjati, fil-każ tiegħu ma jirriżultax sodisfaċentement illi huwa għabba xi biċċiet mill-materjal..... ......;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata għar-rigward taż-żewġ imputati, tiddikjarahom mhux ħatjin, u tordna li jiġu liberati.